

DEĊIJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Diċembru 2014

li temenda d-Deċiżjoni 2011/163/UE dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE

(notifikata bid-dokument C(2014) 9230)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/891/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjoni jipprova 89/187/KEE u 91/664/KEE (¹), u b'mod partikolari r-raba' subparagraphu tal-Artikolu 29(1) tagħha u l-Artikolu 29(2) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 96/23/KE tistabbilixxi miżuri għall-monitoraġġ tas-sustanzi u l-gruppi ta' residwi mniżżlin fl-Anness I tagħha. Din id-Direttiva tirrikjedi li l-pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati jimpurtaw l-annimali u l-prodotti tal-annimali koperti minnha għandhom jibagħtu pjan ta' monitoraġġ tar-residwi li jagħti l-garanziji meħtieġa. Dak il-pjan għandu jinkludi mill-inqas il-gruppi ta' residwi u s-sustanzi mniżżlin fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE (²) taprova l-pjanijiet stipulati fl-Artikolu 29 tad-Direttiva 96/23/KE imressqa minn ċerti pajjiżi terzi elenkti fl-Anness tagħha għall-annimali u l-prodotti mill-annimali indikati f'dik il-lista ("il-lista").
- (3) Bħalissal-Messiku huwa inkluż fil-lista, fost l-oħrajn fir-rigward tal-ekwini. Madankollu, l-aħħar verifikasi mwettqa mill-Kummissjoni fil-Messiku kkonfermaw nuqqasijiet serji fil-kapaċità tal-awtoritajiet Messikani biex iwetqu kontrolli affidabbli u b'mod partikolari biex tiġi kkonfermata l-assenza ta' sustanzi pprojebti bid-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE (³).
- (4) Għalhekk l-entrata għall-Messiku fir-rigward tal-ekwini għandha titneħħa mil-lista.
- (5) Għaldaqsant, id-Deċiżjoni 2011/163/UE għandha tiġi emendata skont dan.
- (6) Sabiex jiġi evitat it-tfixkil għall-kummerċ, għandu jiġi stabbilit perjodu tranżitorju li jkopri l-konsenji rilevanti mibgħuta mill-Messiku lejn l-Unjoni qabel id-data tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni se jiġu riveduti mill-Kunitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf, fid-dawl tal-garanziji mogħtija mill-awtoritajiet Messikani.
- (8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kunitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE jinbidel bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

(¹) ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10.

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

(³) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE tad-29 ta' April 1996 li tikkonċera l-projizzjoni tal-użu fl-istockfarming ta' ċerti sustanzi li jkollhom azżżoni ormonika u tirostatika u ta' beta-agonists u li tħassar id-Direttivi 81/602/KEE, 88/146/KEE u 88/299/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 3).

Artikolu 2

Għal perjodu tranżitorju sal-1 ta' Marzu 2015, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw konsenji ta' laħam u prodotti tal-laħam ta' ekwid i-mill-Messiku u intenzjonati għall-konsum uman, sakemm l-importatur juri li l-prodotti jkunu ċċertifikati u ntbagħtu lejn l-Unjoni qabel il-15 ta' Jannar 2015.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2014.

Għall-Kummissjoni

Vytenis ANDRIUKAITIS

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS

Kodiċi tal-ISO2	Pajjiż	Animali bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur	Akkwakultura	Ħalib	Bajd	Fniek	Animali tal-kaċċa slavaġ	Animali tal-kaċċa mrobija fl-irziezet	Għasel
AD	Andorra	X	X		X								
AE	L-Emirati Għarab Magħ-quda							X (¹)					
AL	L-Albanija		X				X		X				
AM	L-Armenja												X
AR	L-Arġentina	X	X		X	X	X	X	X	X	X	X	X
AU	L-Australja	X	X		X		X	X			X	X	X
BA	Il-Bosnja-Herzegovina					X	X	X	X				X
BD	Il-Bangladexx						X						
BN	Il-Brunej						X						
BR	Il-Brażil	X			X	X	X						X
BW	Il-Botswana	X			X								X
BY	Il-Bjelorussja				X (²)		X	X	X				
BZ	Il-Belize						X						
CA	Il-Kanada	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
CH	L-Isvizzera	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
CL	Iċ-Ċili	X	X	X		X	X	X			X		X
CM	Il-Kamerun												X
CN	Iċ-Ċina					X	X		X	X			X

Kodiċi tal-ISO2	Pajjiż	Animali bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur	Akkwakultura	Ħalib	Bajd	Fniek	Animali tal-kaċċa slavaġ	Animali tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet	Għasel
CO	Il-Kolombja						X						
CR	Il-Kosta Rika						X						
CU	Kuba						X						X
EC	L-Ekwador						X						
ET	L-Etjopja												X
FK	Il-Gżejjer Falkland	X	X										
FO	Il-Gżejjer Faeroe						X						
GH	Il-Gana												X
GM	Il-Gambja						X						
GL	Il-Groenlandja		X									X	X
GT	Il-Gwatemala						X						X
HN	Il-Honduras						X						
ID	L-Indoneżja						X						
IL	L-Iżrael					X	X	X	X			X	X
IN	L-Indja						X		X				X
IR	L-Iran						X						
JM	Il-Ġamajka												X
JP	Il-Ġappun	X					X						
KE	Il-Kenja							X (1)					
KG	Il-Kirgiżistan												X
KR	Il-Korea t'Isfel						X						
LB	Il-Libanu												X
LK	Is-Sri Lanka						X						

Kodiċi tal-ISO2	Pajjiż	Animali bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur	Akkwakultura	Ħalib	Bajd	Fniek	Animali tal-kaċċa slavaġ	Animali tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet	Għasel
MA	Il-Marokk						X						
MD	Il-Moldova					X	X		X				X
ME	Il-Montenegro	X	X	X		X	X		X				X
MG	Il-Madagaskar						X						X
MK	Dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja (⁹)	X	X	X		X	X	X	X		X		X
MU	Il-Mawrizju						X						
MX	Il-Messiku						X		X				X
MY	Il-Malasja					X (³)	X						
MZ	Il-Możambik						X						
NA	In-Namibja	X	X								X		
NC	Il-Kaledonja ġdidha	X (³)					X				X	X	X
NI	In-Nikaragwa						X						X
NZ	In-New Zealand	X	X		X		X	X			X	X	X
PA	Il-Panama						X						
PE	Il-Perù					X	X						
PF	Il-Polineżja Franċiża												X
PH	Il-Filippini						X						
PN	Il-Gżejjer Pitcairn												X
PY	Il-Paragwaj	X											
RS	Is-Serbia (⁵)	X	X	X	X (²)	X	X	X	X		X		X
RU	Ir-Russia	X	X	X		X		X	X			X (⁶)	X
RW	Ir-Rwanda												X
SA	L-Arabja Sawdija						X						

Kodiċi tal-ISO2	Pajjiż	Animali bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur	Akkwakultura	Ħalib	Bajd	Fniek	Animali tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet	Animali tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet	Għasel
SG	Singapor	X (3)	X (3)	X (3)		X (3)	X	X (3)					
SM	San Marino	X		X (3)									X
SR	Is-Surinam						X						
SV	El Salvador												X
SZ	Is-Sważiland	X											
TH	It-Tajlandja					X	X						X
TN	It-Tunežja					X	X				X		
TR	It-Turkija					X	X	X	X				X
TW	It-Tajwan						X						X
TZ	It-Tanzanija						X						X
UA	L-Ukraina	X		X		X	X	X	X				X
UG	L-Uganda						X						X
US	L-Istati Uniti	X	X	X		X	X	X	X	X	X	X	X
UY	L-Urugwaj	X	X		X		X	X			X		X
VE	Il-Venezwela						X						
VN	Il-Vjetnam						X						X
ZA	L-Afrika t-Isfel										X	X	
ZM	Iż-Żambja												X
ZW	Iż-Żimbabwe						X					X	

(1) Ħalib tal-iġmla biss.

(2) Esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' ekwidji ħajjin għall-qatla (annimali għall-produzzjoni tal-ikel biss).

(3) Pajjiżi terzi li jużaw biss materja prima mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi oħrajn approvati għall-importazzjonijiet ta' materja prima bħal din lejn l-Unjoni, skont l-Artikolu 2.

(4) Dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja; in-nomenklatura definitiva għal dan il-pajjiż se tigħi miftiehma wara n-negozjati attwali fil-livell tan-Nazzjonijiet Uniti.

(5) Mhux inkluż il-Kosovo (din l-indikazzjoni hija mingħajr ħsara għall-pożizzjonijiet dwar l-status, u hija konformi mal-UNSCR 1244 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar d-Dikjarazzjoni ta' Indipendenza tal-Kosovo).

(6) Għar-renni mir-reġjuni ta' Murmansk u Yamalo-Nenets biss."